# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Marzu 2016

Appell Nru: 137/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs**

**Ibrahim Nour**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Ibrahim Nour, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 38413A, migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali 1) Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli fl-24 ta' Frar, 2010, wara tfittxija illi saret mill-Ufficjal tad-Dwana fil-Corner Shop fil-Marsa Open Centre, instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew gew depozitati ghandu sigaretti bla dazju, u dan fi kwantita' kif deskritt hawn taht: (i) wiehed u ghoxrin (21) kartuna b'mitejn (200) sigarett tal-marka *Richman*, (ii) kartuna b'mitejn (200) sigarett tal-marka *Capital*, (iii) tlieta u ghoxrin (23) kartuna b'mitejn (200) sigarett tal-marka *Royals Empire*, (iv) hamsa u erbghin kartuna (45) b'mitejn (200) sigarett tal-marka *Rothmans Blue*, (v) tmien (8) kartuniet b'mitejn (200)

sigarett tal-marka *L&M*, (vi) tlett (3) kartuniet b'mitejn (200) sigarett tal-marka *L&M Red Label*, (vii) tlettax (13) –il pakkett *Rothmans Blue* b'ghoxrin (20) sigarett f'kull pakkett, (viii) sitt (6) pakketti tal-marka *Richman* b'ghoxrin (20) sigarett f'kull pakkett, (ix) zewg (2) pakketti tal-marka *L&M* b'ghoxrin (20) sigarett f'kull pakket u (x) zewg (2) pakketti tal-marka *Capital* b'ghoxrin (20) sigarett f'kull pakkett; u 2) Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fl-24 ta' Frar, 2010, wara tfittxija illi saret mill-Ufficjal tad-Dwana fil-Corner Shop tal-Marsa Open Centre, instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu sigaretti bla dazju u dan fil-kwantita' gia msemmija. Illi dawn is-sigaretti, l-importazzjoni u l-pussess taghhom hija pprojbita u/jew ristretta u/jew limitata u ghandhom il-valur totali ta' hames mija disgha u disghin Ewro u erbatax –il centezmu (€599.14). Id-dazju tas-sisa dovuta hija ta' elfejn hames mija u disa' Ewro u tnejn u tletin centezmu (€2,509.32) u d-dazju tal-importazzjoni jammonta ghal tlett mija hamsa u erbghin Ewro u hdax –il centezmu (€345.11). It-taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T.) tammonta ghal sitt mija u wiehed u ghoxrin Ewro u erbgha u sittin Ewro centezmi (€621.64) fejn liema dazju u taxxa ma kinux gew imhallsa /jew kawtelati;

Illi l-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra illi tinfliggi l-pieni stabbilita mil-Ligi, tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali hekk kif hemm ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Marzu, 2015, li biha wara li ddikjarat lill-imputat mhux hati, lliberatu minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Marzu, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u

tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq, tghaddi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skond il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti processwali jemergi illi fl-24 ta' Frar, 2010 ufficcjali tad-Dwana ghamlu spezzjoni fl-*open centre* tal-Marsa fejn jidher li hemm xi kmamar li jintuzaw bhala hwienet. F'wahda minn dawn il-kmamar, instabu s-sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju tas-sisa u VAT. Jirrizulta illi dakinhar kien hemm erba ufficcjali tad-Dwana u tnejn minnhom kienu responsabbli ghat-tfittxija fil-kamra in kwistjoni. Quddiem l-Ewwel Qorti xehed wiehed biss mill-ufficcjali tad-Dwana li spjega li din kienet operazzjoni difficli u li l-appellat kien prezenta ruhu bhala li l-kamra tappartjeni lilu. Dan l-aspett huwa wiehed importanti, anzi, krucjali ghall-kwistjoni hawn devoluta ghaliex sabiex tinsab htija f'kawza ta' din in-natura kienet tehtieg il-prova li l-oggetti illegali instabu fil-pussess tal-appellat u senjatament li l-kamra li fihom instabu l-oggetti kienet taht il-kontroll jew fil-pussess tal-appellat;

L-Ewwel Qorti kkunsidrat illi ma kienitx konvinta illi l-prosekuzzjoni pruvat fil-grad rikjest mil-ligi li s-sigaretti intercettati kienu jappartjenu lill-appellat jew li l-kamra fejn instabu kien jaghmel minnha l-appellat biss. Issa, l-kompitu ta' din il-Qorti fil-kaz odjern hu li tara jekk mill-atti processwali l-Ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet

ghaliha. Ezaminati l-atti processwali irid jinghad illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha biss d-deposizzjoni tal-ufficjal ta' Dwana li wara li ddeskriva li waqt l-ispezzjoni irrizultaw hamest ikmamar li *qishom hwienet owned individwali, per ezempju ta' Noor kellu din il-kamra jaghmel negozju minnha fl-Open Centre*. L-ufficcjal kien gia deciz li l-kamra kienet taht il-kontroll tal-appellat tant illi meta mistoqsi mill-Qorti jekk hu kienx staqsa lill-appellat jekk is-sigaretti kienux tieghu wiegeb illi *ma staqsejtux imma kien negozju tieghu.* Ma assista ghall-ebda bejgh mill-appellat izda *semplicement kienu hemm hekk*. Mistoqsi jekk il-kamra kienitx tintuza biss mill-appellat wiegeb illi *dak hu jista' jghid. Ma nistghax nghid*. L-Ewwel Qorti ghalhekk kienet rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn l-ufficcjal tad-Dwana jghid illi l-kamra fejn kienu intercettati l-oggetti kienet tappartjeni lill-appellat. Dan il-fatt tqieghed in dubju sia mix-xhieda tal-istess ufficcjal kif ukoll minhabba mankanza ta' xi indizji ohra li setghu jikkonsolidaw dik il-fehma. Kien dan li wassal lill-Ewwel Qorti tikkonkludi illi ma kienitx sodisfatta illi s-sigaretti kienu tal-appellat jew ukoll li l-kamra fejn instabu kien jaghmel minnha hu biss, mill-mod kif l-istess ufficcjal iddeskriva l-atmosfera fl-Open Centre u li l-operazzjoni kienet bicca xoghol perikoluza;

Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-decizjoni raggunta mill-Ewwel Qorti dwar l-apprezzament tal-provi la darba setghet, kif fil-fatt ghamlet, ragjonevolment u skond il-ligi, tasal ghal-konkluzjoni li waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.